# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 2 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1770/00 AJD*

The Catering Centre Co. Ltd.

vs

Rennie Portelli

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u sebghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm174.55) dovuta ghall-merkanzija mibjugha lill-konvenut fuq ordni tieghu stess. Ghalkemm interpellat biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Awissu, 2000, il-konvenut baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes, u bl-imghax mit-2 ta' Dicembru, 1999, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michelle Pace in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgah u sebghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm174.55) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR